# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-25 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Numru 594/2015 SM**

**Giuseppe Pellegrino**
**(K.I. Taljana 3363012AA)**
**u**
**Francesco Sapienza**
**(K.I. Taljana AR1143351)**

**vs.**

**Farmandara Ltd**
**(C-50074)**
**u**
**Gaetano Mandara**
**(K.I. Taljana AR3208357)**
**ghal kull interess li jista` jkollu**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti:

1.1. Illi gew ingaggati mis-socjeta` intimata biex joffru servizzi medici fl-isptarijiet *St. James* ghall-prezzijiet pattwiti bejniethom, (ara foll 15 *et sequitur*);

1.2. Illi ghalkemm thallsu *in parte* ghad ghandhom jiehdu s-somma ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00), jew somma ohra verjuri;

1.3. Illi r-rikorrenti Pellegrino kien debitament inkarigat jigbor il-flus dovuti kemm lilhu kif ukoll lir-rikorrenti l-iehor fuq indikat minghand l-intimati;

1.4. Illi wara l-ewwel pagament effettwat lir-rikorrenti, dahlet fl-istorja s-socjeta` intimata *Farmandara Limited*;

1.5. Illi l-pagamenti *in parte* mhallsa lir-rikorrenti thallsu kemm mis-socjeta` intimata u bi flus kontanti mill-intimat;

1.6. Illi l-ahhar pagament mill-intimati lir-rikorrenti sar f' Lulju, 2013;

1.7. Illi *nonostante* diversi interpellanzi ghall-pagament ta' l-ammont dovut, dan baqa` ma giex saldat;

1.8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00), jew somma verjuri likwidata, rapprezentanti servizzi professjonali rezi mir-rikorrenti fuq inkarigu ta' l-intimati fl-isptar *St. James* flimkien ma' xoghol iehor relatat mall-professjoni medika;

1.8.2. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti l-ammont likwidat;

1.8.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, flimkien ma' l-imghax relattiv sad-data ta' l-effettiv pagament;

2. Ezaminat id-dokument kollha;

3. Sodisfatta li l-istess intimati jirrizultaw debitament notifikati bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz relattiv ghas-smigh ta' l-istess;

4. Semghet lir-rikorrenti Pellegrino jikkonferma bil-gurament l-ezattezza tat-talbiet tar-rikorrenti u l-fatt li mid-data tal-prezentata sa l-udjenza datata t-28 t'Ottubru, 2015, ic-cirkostanzi indikati fl-istess rikors m'imbiddlux;

5. Illi ghalhekk l-ammont ta' sittin elf Ewro mitlub mill-istess rikorrenti fil-konfront ta' l-intimati ghadu minnhom lilhom dovut;

6. Illi *nonostante* d-dritt statutorju moghti fl-artiklu 170(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimati xorta naqqsu li jaghmlu sottomissjonijiet biex jattakkaw il-procedimenti intavolati mir-rikorrenti fit-termini ta' l-istess artiklu hawn riferit;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz minnhom intavolat, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati fuq indikati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00), ghas-servizzi professjonali rezi mill-istess rikorrenti fuq inkarigu ta' l-intimati fl-isptar *St. James* flimkien ma' xoghol iehor relatat mall-professjoni medika;

7.2. Tikkundanna ghalhekk lill-istess intimati biex ihallsu s-somma likwidata fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

7.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi dovuti mid-data ta' l-ittra ufficjali hemm indikata, senjatament l-10 ta' Jannar, 2014, sad-data ta' l-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**